**KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 31

L-Erbgha, 28 ta' Novembru, 2012

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fis-2.00pm.

Il-President, Dr. Malcolm Mifsud ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President Dr. Malcolm Mifsud, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sinj. Margaret Baldacchino Cefai, Vici Sindku Msida, is-Sur Horace Anastasi, Sindku Sta. Venera, is-Sur Michael Fenech Adami, Sindku Birkirkara, is-Sinj. Antoinette Vassallo, Sindku Ta' Xbiex u Dr. Ian Castaldi Paris, Sindku Hal-Lija.

Is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan u s-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema infurmaw li kienu se jaslu tard izda l-laqgha lahqet intemmet meta waslu.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 30 li saret nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2012, kienu approvati unanimament.

## APPROVAZZJONI TA' L-*AUDITED FINANCIAL STATEMENTS*

Il-Kumitat tar-Regjun Centru approva unanimament l-Audited Financial Statements kif prezentati (Appendici A).

## RIKORS TA' L-APPELL TA' TOAD

Il-President informa lill-Kumitat dwar l-ahhar zviluppi fil-kwistjoni tat-tender ta' l-AO. Huwa qal li kien tressaq Rikors ta' Appell ta' TOAD Management Services u kif ukoll Risposta ta' l-Appell ta' Synthesis Management Services.

F'dan l-istadju, il-President ippropona li jigi rtirat it-tender u tohrog sejha ghall-offerti mill-gdid *tailor-made* ghar-rekwiziti li ghandu bzonn ir-Regjun. Huwa qal li llum, ir-Regjun ghandu bzonn servizz ta' contract manager sabiex jissorvelja is-servizz tal-Guard and Warden.

Dr. Ian Castaldi Paris staqsa ghalfejn ghandu jinhareg tender issa meta l-Kumitat setgha jara dan qabel.

Il-President qal ukoll li d-Dipartiment issa kien qieghed isaqsi wkoll dwar il-kera ta' l-ufficcju tar-Regjun.

Is-Sinj. Antoinette Vassallo u s-Sur Michael Fenech Adami ma qablux li ghandu jerga' johrog it-tender mill-gdid.

Dwar il-kwistjoni bejn iz-zewg tenderers, il-President qal li l-pozizzjoni tar-Regjun ghandha tkun li din hija kwistjoni bejn iz-zewg offerenti u jistenna d-decizjoni tal-Qorti.

Is-Sur Joe Camilleri qabel li r-Regjun ghandu jistenna sakemm ikun hemm decizjoni tat-tieni Appell.

Kien hemm qbil unanimu dwar din il-pozizzjoni li ghandu jiehu r-Regjun.

## IL-KUNTRATT TA' NB ENGINEERING

Kien hemm qbil unanimu li l-kuntratt ma' NB Engineering ghas-servizz ta' *mechanical engineer* sabiex jassigura li l-*playing fields* fir-Regjun huma *safe* jigi mgedded ghal sena ohra u cioe` sal-31 ta' Dicembru, 2013.

**LAQGHA PLENARJA TAR-REGJUN U ATTIVITA` TAL-MILIED**

Kien hemm qbil li l-Laqgha Plenarja tar-Regjun issir nhar it-18 ta' Dicembru, 2012 fis-7.00pm. Kien hemm qbil li din issir f'sala f'xi lokalita` tar-Regjun u fejn wara tkun tista' ssir attivita` tal-Milied ghal dawk li jattendu. Is-Sindki u l-Kunsillieri kollha li jiffurmaw ir-Regjun ser ikunu mistiedna li jattendu b'invit li se jintbghat fir-residenza taghhom.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

Il-President, ssekondat mis-Sur Joe Camilleri, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 31. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

**TMIEM**

Fit-3.15pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Dr. Malcolm Mifsud
President